*-KOLLIZZJONI-*

*- LIKWIDAZZJONI TA' DANNI -*

*- DIZABILITA' PERMANENTI - WERRIETA*

*- WORKING LIFE EXPECTANCY- LUMP SUM PAYMENT -*

*-DAMNUN EMERGENS-*

*- MEWT –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Marzu, 2002**

**Kawza Numru 39**
**Citazzjoni Numru 569/98/RCP**

**Mario u Domenica konjugi Mizzi, f'isimhom proprju u bhala rapprezentanti ta' binthom minuri Charlene u Gilbert Mizzi**

**vs**

**Paul Genovese u Darren Micallef**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici fejn l-atturi ppremettew:-

Illi fit-2 ta' Jannar, 1997 ghall-habta tas-2.30p.m. f'Tal-Barrani Road, Limiti taz-Zejtun, waqt li l-mejta Marion Mizzi kienet riekba mal-konvenut Paul Genovese li kien qed isuq mutur tal-marka Yamaha 1100, b'numru ta' registrazzjoni Q-3179, b'negligenza, traskuragni, imperizja u b'non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, baqa' diehel f'nofs il-vettura Mini Minor, b'numru ta' registrazzjoni T-2065, proprjeta' tal-konvenut Darren Micallef, li b'konsegwenza nqasmet minn nofs;

Illi in oltre, il-konvenut Darren Micallef, kien qed isuq il-vettura Mini Minor b'negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-mejta Marion Mizzi baqghet titkaxxkar fuq il-mutur li *per konsegwenza* baqa' diehel go vettura ohra tal-marka Daewoo b'numru ta' registrazzjoni PIZ 647, bil-konsegwenti mewt ta' Mizzi;

Illi *per konsegwenza* l-atturi soffrew danni, sija ta' natura *damnum emergens* kif ukoll ta' natura *lucrum cessans*;

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, izda baqghu inadempjenti;

Illi l-atturi huma l-eredi ta' Marion Mizzi kif jirrizulta mill-anness dokumenti, xebba ta' wiehed u ghoxrin sena (21) li sfat vittma ta' dan l-incident awtomobilistiku;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex :-

1. Tiddikjara li l-mewt ta' Marion Mizzi, sehh b'tort unikament tan-negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi;

3. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 rispettivament tal-process.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Darren Micallef a fol. 27 tal-process fejn eceppixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez fil-konfront ta’ l-esponenti stante li l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-mejta Marion Mizzi, tal-konvenut l-iehor Paul Genovese u ta’ terzi li sal-lum l-esponenti mhux informat bl-identita` taghhom;

2. Illi l-principju stabbilit li *volenti non fit injuria* ghandu japplika fil-konfront tal-mejta Marion Mizzi;

3. Illi ma kienx hemm il-possibilita` li l-esponenti jipprevedi l-incident minhabba l-velocita’ eccessiva u s-sahha li bihom gie investit mill-mutur li fuqu kienu rekbin il-mejta Marion Mizzi u l-konvenut l-iehor Paul Genovese u ghalhekk ma jistax ikun responsabbli ta’ l-incident;

4. Salv’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Darren Micallef a fol. 28 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-istess konvenut Micallef esebita a fol. 29 tal-process.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Genovese a fol. 30 tal-process fejn eceppixxa:

1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana stante illi l-mewt ta’ Marion Mizzi fl-

incident tat-2 ta' Jannar 1997 sehhet mhux minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Paul Genovese izda unikament minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Darren Micallef li waqt li kien qed isuq f'Tal-Barrani Road, limiti taz-Zejtun qasam minn fuq karreggjata tat-triq ghal ohra u baqa' diehel gol-mutur misjuq mill-konvenut Paul Genovese li fuqu wkoll kien hemm riekba l-mejta Marion Mizzi, u dana bil-konsegwenzi kollha.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Paul Genovese a fol. 31 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 1998 fejn gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea sabiex jisma' l-provi dwar il-kaz.

Rat il-verbali tas-seduti kollha quddiem din il-Qorti.

Rat is-seduti u x-xhieda kollha migjuba quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tas-7 ta' Novembru, 2001 fejn id-difensuri tal-partijiet talbu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza ghall-21 ta'

Marzu 2002, li wara giet differita ghall-istess skop ghall-lum 22 ta' Marzu 2002.

Rat li fl-istess verbal tas-7 ta' Novembru 2001 din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002, u il-verbal tal-21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet ghalhekk differita ghall-lum 22 ta' Marzu 2002.

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra biex taghti s-sentenza, wara li ingabru l-provi kollha dwar il-kaz.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABILITA` TAL-INCIDENT

Illi l-kawza titratta dwar kollizzjoni li saret fit-Triq Tal-Barrani, limiti taz-Zejtun nhar it-2 ta' Jannar 1997 fejn fiha Marion Mizzi tilfet hajjitha f'dan l-imsemmi incident stradali.

Illi filwaqt li l-konvenut Darren Micallef fl-ewwel eccezzjoni tieghu qed jghid illi '*l-incident in kwistjoni sehh unikament tort tal-mejta Marion Mizzi, tal-konvenut l-iehor Paul Genovese u ta' terzi li sal-lum l-esponenti mhux infurmat bl-identita` taghhom'*, l-konvenut l-iehor Paul Genovese jghid

illi *'l-incident sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Darren Micallef'*.

Illi xehed is-**Supretendent, dak iz-zmien Spettur, tal-Pulizija Lawrence Cutajar**, li qal illi '*fit-2 ta' Jannar, 1997 gejt infurmat li kien hemm mini minor bin-numru tar-registrazzjoni T-2065 li wara irrizultali li kienet qed tigi misjuqa minn Darren Micallef. Jiena stajt nikkonstata li l-vettura mini minor kienet maqsuma fi tnejn. Kien hemm vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni PIZ-647 ta' l-ghamla DAEWOO li wara irrizultali li kienet qed tigi misjuqa minn certu Sandro Bonello u kien hemm mutur Q-3179 tal-ghamla Yamaha 1100 li irrizultali li kien qed jigi misjuq minn Paul Genovese li kellu mieghu pillion rider lill-Marion Mizzi"*. Dwar il-posizzjoni ta' kif kienu l-vetturi involuti fl-incident jghid illi "*niftakar li d-Daewoo kienet qed thares lejn Bir-id-Deheb inti u sejjer lejn iz-Zejtun. Il-mutur kien maqlub quddiem il-faccata ta' quddiem tad-Daewoo u l-mini minor kienet nofsa naha u nofsa n-naha l-ohra. Dan l-ufficjal gie infurmat ukoll illi x'aktarx kien hemm mutur iehor involut fl-incident. Minn investigazzjonijiet li ghamilt jiena irrizultali li l-mutur l-iehor kien bin-numru tar-registrazzjoni E-0817 ta' l-ghamla HONDA CBR ta' certu Jamie Sammut li mieghu wkoll kellu pillion rider certa Gabriella Serra'*.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 1999 xehed il-konvenut **Paul Genovese** li qal illi "*dak in-nhar ta' l-incident jiena kont ser nwassal lil Marion id-dar taghha l-Fgura".* Dwar il-mument

ta' qabel ma sehh l-incident, l-konvenut jghid illi "*waqt li jiena kont qed insuq fl-outer lane fid-direzzjoni ta' Hal-Tarxien gejn minn Birzebbuga fi Triq tal-Barrani. Nghid l-isfel mill-pompa tal-petrol li hemm fejn it-traffic lights kien hemm mutur iehor u qbiztu. Jiena bqajt insuq fid-direzzjoni ta' Hal Tarxien u sibt mini minor. Din il-Mini Minor kienet fuq l-inner lane. Jiena l-ewwel darba li ltqajt mal-Mini Minor kienet fejn it-tieni pompa tal-petrol li hemm f'dik it-triq u cioe' dik li tinsab faccata tat-triq li taghti ghaz-Zejtun. Kif kont niezel fuq l-outer lane din il-Mini Minor qabdet u daret mal-ewwel fuq il-lemin fuq in-naha tax-xufier. Jiena ma kellix chance nibbrejkja ghax ma ppretendejtx li ser jikser ghal fuqna. Ma ghamel ebda indikazzjoni li kien ser jikser. L-ispeed tal-mutur ma kienx ta' aktar minn 80km per hour".* Jghid ukoll illi: *"kontrol jiena kelli l-hin kollu fuq il-mutur. Tal-mini dahal go fija".*

Fis-seduta tad-19 ta' Lulju 1999 xehed **Darren Micallef** li qal illi *"fit-2 ta' Jannar, 1997 jiena kont qed niehu l-petrol mill-pompa tal-Petrol taz-Zejtun. Din qeghda fi Triq tal-Barrani. Kien ghal habta tas-1.30p.m. jew s-2.00p.m. Jiena kelli mini minor. Ma niftakarx in-numru taghha pero` kienet hamra. Biex mort ghal din il-pompa tal-petrol, jiena hrigt miz-Zejtun vicin Bir id-Deheb u qbadt it-Triq tal-Barrani. Jiena sussegwentement dhalt f'din il-pompa tal-petrol. X'hin tajtha l-petrol jiena harist biex nara jekk hux gejjin karozzi u hrigt. Mort fuq in-naha ta' barra biex naqsam ic-central strip u nidhol lejn iz-Zejtun. X'hin gejt fuq in-naha l-aktar vicina tas-central strip, xeghelt l-indicator biex nikser*

*ghaz-Zejtun u fil-mera meta harist rajt zewg muturi gejjin fuq is-side tieghi. Jiena waqaft fuq il-lane tieghi, stennejt lil tal-linja jghaddi u l-karozza l-ohra tal-marka Daewoo li kienet fuq il-lane ta' gewwa, in-naha l-ohra, ghamilli sinjal biex nohrog u naqsam ghaz-Zejtun"*.

Illi dwar il-mument ta' l-impatt dan ix-xhud jghid illi "*bdejt naqsam u f'daqqa u l-hin hassejt id-daqqa tal-mutur mal-karozza. Il-karozza tieghi nqasmet mad-daqqa. Id-daqqa l-karozza haditha f'nofsha minn fejn il-handle tal-bieba. B'din id-daqqa l-mutur laqatni ukoll. Jiena bid-daqqa spiccajt il-barra minnha".* Dan ix-xhud jghid ukoll illi dawn iz-zewg muturi li huwa semma': "*nista' nghid li kienu gejjin bis-sahha mill-ghajta taghhom, u cioe` tal-muturi".*

Illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2000 xehdet **Gabriella Serra**, l-*pillion rider*, tat-tieni mutur li kien hemm fuq il-post fejn sehh l-incident tat-2 ta' Jannar 1997. Tghid illi *"Jiena kont riekba ma' Jamie Sammut u cioe' kont pillion fuq mutur. Ahna konna gejjin minn Birzebbugia sejrin fid-direzzjoni ghal San Giljan. Niftakar illi l-konvenut Genovese kien xi kultant quddiemna u xi kultant warajna bil-mutur. Jiena lill-konvenut Genovese qatt ma kont rajtu jew nafu qabel id-data ta' l-incident. It-triq fejn konna ahna hija wahda two lane, u niftakar li l-konvenut Genovese kien fuq il-lane ta' barra. Ma Genovese kien hemm xi hadd iehor mieghu fuq il-mutur, kien hemm pillion. Meta gara l-incident niftakar li Genovese kien qabilna u dan ghal certu distanza. Jiena ghalhekk stajt nosserva sewwa x'kien qed jigri. Pero`*

*nixtieq nippreciza illi peress li jien kont pillion u x-xufier tal-mutur u cioe` Jamie fih persuna, jiena ma kelliex vizwali totali. Irrid nghid illi ftit aktar l-isfel mill-pompa tal-petrol hemm side street. Fl-ebda hin ma kien hemm tellieqa ghaddejja bejna u bejn il-konvenut Genovese. Nixtieq nghid illi meta ahna konna fit-triq, ghalkemm jien ma kelliex vizwali totali, naf illi ma kienx hemm karozzi quddiemna. F'daqqa u l-hin jien rajt mini minor hamra u rajtu jieqaf fejn ic-centre strip. Anzi nghid illi kien diga wieqaf. Jiena rajt l-incident isehh u nghid illi l-mutur dahal fin-nofs tal-mini minor. Jiena rajt ukoll lin-nies itiru. Il-mutur ta' Genovese kull ma kellu quddiemu kienet din il-mini minor."* In kontro-ezami, din ix-xhud tghid illi *"jiena l-karozza l-hamra u cioe` l-mini minor fl-ebda mument ma rajtha ticcaqlaq. Jiena bejn l-ewwel darba li rajt il-mini minor u l-mument li fih habat Genovese fl-istess karozza nghid illi ghaddew xi zewg sekondi biss. Jiena ma rajtha hierga minn imkien din il-karozza anzi nerga' nghid illi dejjem rajtha wieqfa fil-posizzjoni li indikajt jiena stess fuq Dok. EG 1 bl-ittri GS 1".*

Illi fl-istess seduta tat-18 ta' Jannar 2000 xehed **Jamie Sammut** li qal illi *"Jiena fit-2 ta' Jannar 1997 kont qieghed Birzebbugia. Jiena mort hemmhekk b'mutur u kont ma Gabriella Serra. Jiena kont qed insuq il-mutur. Id-direzzjoni tieghi kienet dik li sejjer lejn Bulebell minn Birzebbugia. Jiena l-ewwel darba li rajt lil konvenut Genovese kien qabel ir-roundabout li hemm f'Bir id-Deheb, qlajtu u ergajt dhalt fuq sajdi. Genovese rega' qabizni ftit qabel il-pompa tal-petrol. Hu kien fuq in-naha ta' barra. Genovese kien fuq l-*

*outer lane. Jiena kelli vizwali tajba hafna tat-triq peress illi kont qed insuq. Il-mini minor tal-kulur ahmar jiena rajtha taqsam min-naha tax-xellug tat-triq ghan-naha tal-lemin. Jiena lil dan ma rajtu jaghmel l-ebda indikazzjoni sabiex jaghmel din il-manuvra. Jiena lil Genovese rajtu jidhol f'nofs din il-mini minor u cioe` fuq in-naha tal-genb minn quddiem fuq in-naha tax-xufier. Jiena ma kontx nafu lill-konvenut Genovese u fl-ebda hin ma kont qed intellaq mieghu. Jiena niftakar illi meta nqasmet il-mini, l-parti ta' quddiem taghha baqghet miexja ghal tul konsiderevoli. Dan il-fatt lili impressjonani ghax rajt karozza timxi wahedha. Dan ghalija jikkonferma l-fatt illi x-xufier ta' din il-mini kien qed isuq. Jiena naf li l-mini minors huma front wheel drive".* In kontro-ezami, dan ix-xhud jghid illi *"ma niftakarx jekk fil-mument ta' l-impatt il-mini minor kienitx wieqfa tistenna biex iddur, jew jekk kienitx ghadha miexja, pero` niddubita jekk kienitx wieqfa. Jiena safejn naf jien, Genovese, u dan milli nista' niftakar, qatt ma qabizni ziffa imma qabizni bi speed ragjonevoli".*

Illi xehed ukoll **Sandro Bonello** li qal illi "*Dak in-nhar ta' l-incident waqt li kont qed insuq id-Daewoo racer tieghi gej minn naha ta' Santa Lucija lejn id-direzzjoni ta' Bir id-Deheb, qbizt ir-Roc-A-Go u rajt il-mini wieqfa fin-nofs ic-central strip. Jiena x'hin qbizt ir-Roc-A-Go, kelli l-indicator mixghul sabiex nidhol ghaz-Zejtun"*. Jghid illi: "*Darren Micallef kien wieqaf. It-triq u cioe` dik il-parti li jiena kont miexi fiha, wiesgha bejn wiehed u iehor zewg vetturi. Jiena nikkalkulha li kien hemm xi tul ta' erba' xarabanks minn fejn*

*kont jien ghad-dahla taz-Zejtun. Jiena kont qed insuq bil-mod. Jiena kelli veduta tajba hafna ta' l-incident u stajt nara allura lil mutur niezel fuq in-naha tas-central strip, anzi nghid illi kienu zewg muturi. Dawn iz-zewg muturi kienu fl-istess lane. Dawn ma kienux ghaddejjin bil-mod u kienu ghaddejjin hdejn xulxin forsi b'xi ftit avarija. Kif appena raw lil Darren Micallef wieqaf, Paul Genovese biex jipprova jiskapulah kiser l-isteering lejn in-naha tax-xellug tieghu*, *miss naqra r-rota tal-mutur li kien hdejh, ghax ma kienx hemm hafna spazju bejniethom u l-Paul Genovese hadu xi ftit l-isteering. Il-mutur misjuq minn Paul Genovese ma hadiex dritta izda b'certu angolu u cioe` min-nofs il-bieba il-quddiem, b'mod dijagonali. Qed nghid hekk ghax kieku ma spiccax fejn kont jien. Il-mutur l-iehor, rajtu jikkraxxja gol-hajt tat-triq fejn hemm il-fabbrika ta' l-irham. Dan l-individwu, flimkien ma persuna ohra, li kienu rekbin flimkien, qamu u telqu lil hemm. Jiena bdejt inwaqqaf il-karozza tieghi hekk kif appena sehh l-incident. Jiena ma nafx kemm kien ilu wieqaf Darren Micallef pero` naf zgur li kien wieqaf minn meta jiena qbizt ir-Roc-A-Go u nzid nghid illi mhux x'hin qbizt lil Roc-A-Go ezatt izda x'hin soqt ftit iehor. Nikkonferma illi jiena minn x'hin rajtu lil Darren Micallef kien wieqaf u ma kienx gej minn imkien izjed"*.

Illi nkontro-ezami, dan ix-xhud jghid illi *"karrozzi fit-triq fejn kont jiena ma kienx hemm hlief tieghi. Biex nikser lejn iz-Zejtun jiena isslowjajt xi ftit peress illi ridt nikser lejn ix-xellug tieghi. Mistoqsi jekk kienx iktar jinteressani dwar vetturi li kienu dehlin lejn iz-Zejtun nghid illi iva, pero` kien*

*mohhni wkoll x'kien ser jaghmel tal-mini. Dan kont mohhni fih peress illi seta' jidhol lejn iz-Zejtun".*

Illi mill-provi prodotti u mill-fattispecje tal-kaz jirrizulta illi bejn l-konvenut Paul Genovese u x-xhud Jamie Sammut kien hemm speci ta' tellieqa ghaddejja u dan minkejja li z-zewg persuni hawn imsemmija jghidu li ma kienux jafu lil xulxin qabel ma sehh l-incident. Dan il-fatt huwa korraborat mix-xhieda ta' dawn iz-zewg individwi li jghidu illi daqqa wiehed kien fuq quddiem, u daqqa kien l-iehor fuq quddiem. Il-fatt illi dawn iz-zewg muturi, wiehed misjuq mill-konvenut Paul Genovese kienu ghaddejjin bi *speed* qawwi huwa ukoll korraborat mill-fatt illi l-vettura ta' Darren Micallef, u cioe` l-mini minor, inqasmet min-nofs bl-impatt li kien hemm. Dan il-fattur ta' velocita' wahdu, xorta pero` mhux bizzejjed biex wahdu jiddetermina l-kwistjoni ta' r-responsabbilita *o meno* tal-incident *de quo* ghalkemm jincidi fuq l-istess u jista' jkun u huwa fil-fatt relevanti sabiex jigi determinat x'kien il-kagun tal-mewt ta' Marion Mizzi.

Illi l-konvenut Genovese qed jghid illi huwa ra l-vettura tat-tip mini minor misjuqa mill-konvenut l-iehor Darren Micallef taqsam mill-*lane* ghall-iehor qabel l-incident. Illi l-istess konvenut Genovese jghid illi kienet din il-manuvra li waslet sabiex isehh l-incident u bhala konsegwenza l-mewt ta' Marion Mizzi. Il-Qorti issa ghandha tara jekk dan il-fattur, kif allegat, jirrizultax mill-provi prodotti u jekk jirrizulta, jikkontribwixxix ghall-incident *de quo*.

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti jirrizultalha li l-mini minor tal-konvenut Darren Micallef kienet wieqfa meta sehh l-incident. Dan il-fatt huwa korraborat minn tlett xhieda u cjoe' minn Gabriella Serra, minn Sandro Bonello u mill-konvenut Darren Micallef innifsu. L-unici nies li jghidu bil-kuntrarju huma l-konvenut Paul Genovese u Jamie Sammut. Dan ta' l-ahhar pero` jghid illi *"ma niftakarx jekk fil-mument ta' l-impatt il-mini minor kenitx wieqfa tistenna biex iddur, jew jekk kenitx ghada miexja, pero` niddubita jekk kenitx wieqfa".* Illi ghalhekk lanqas dan ix-xhud ma jeskludi l-possibilita` li l-konvenut Darren Micallef kien wieqaf bil-mini minor tieghu fejn is-*central strip* qed jistenna biex ma l-ewwel opportunita` jikser lejn iz-Zejtun. Illi l-Qorti hija konvinta illi l-impatt u konsegwenti mewt sehhet minhabba s-sewqan traskurat tal-konvenut Paul Genovese u dan minhabba li huwa kien qed isuq bi traskuragni, naqas li jzomm *proper look out* u ma rax dak li kien *in plain view* anke minhabba l-ispeed eccessiv li bih kien qed isuq.

Illi jirrizulta mill-provi illi l-muturi ta' Genovese u Sammut kienu ghaddejjin itellqu, u hekk kif il-mutur ta' Genovese dar il-liwja li hemm fejn Bir-id-Deheb sabiex jaqbad it-triq id-dritta tal-Barrani, huwa sab ma' wiccu, litteralment, il-vettura ta' Darren Micallef, u dan juri bl-iktar mod skejt it-traskuragni tal-istess konvenut Genevose, u l-indikazzjoni ta' *speed* li huwa kien ghaddej bih huwa manifestat mill-fatt li bl-impatt il-karozza ta' Micallef litteralment inqasmet min-nofs, u l-parti ta' quddiem cjoe' il-bonnet u l-parti tal-

*winscreen* tqactet mill-parti tal-*passenger compartment,* u bid-daqqa l-istess partijiet tal-karozza gew mitfuha l-quddiem ghal distanza ta' xi 30 pied u d-distanza bejn il-partijiet tal-istess vettura kienet ta' cirka 30 pied ohra, apparti li l-mutur baqa' jitkaxkar ma' l-art ghal distanza ta' cirka 100 pied, nonostante li kellu l-impatt mal-istess vettura.

Illi dan kollu fih innifsu huwa indikazzjoni ta' speed eccessiv, anke hafna iktar ghola minn dak ta' 50. m.f.s allegat u kkonsidrat ukoll il-fatt li l-istess konvenut kien hiereg minn speci ta' *curva* fl-istess triq, b'mod li kif hareg minnha b'dak l-ispeed kollu huwa sab lill-Darren Micallef wieqaf hdejn ic-*central strip,* jirrizulta li l-istess Genevose ma kien xejn kawt fl-investiment tal-mutur minnu misjuq, izda kien ghal kollox aljenat sabiex itellaq mal-mutur l-iehor, b'mod li saq b'mod sperikolat u bi speed li jaccedi sew dak regolamentari, b'dan ghalhekk li minhabba l-istess speed huwa kien inkapaci jew ahjar irrenda ruhu impossibilitat li jirrimedja u jirrejagixxi ghal dak li kien quddiemu u pogga ruhu *f'self inflicted incapacity* bil-konsegwenza li sar l-incident *de quo,* li tieghu ma hemm l-ebda dubju li l-istess Paul Genovese kien il-kawza prossima tieghu. Illi tal-istess portata hija d-decizzjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta **'Sandro Bonello vs Paul Genovese et'** (P.A. AJM. 11 ta' Ottubru 2001).

Illi tenut kont tal-konkluzjoni li ghaliha waslet din il-Qorti, ma huwiex il-kaz li din l-istess Qorti tidhol fl-eccezzjonijiet l-

ohra tal-konvenut Darren Micallef ghalkemm jinghad li l-principju ta' *volenti non fit injuria* certament ma japplikax ghall-kaz *de quo* stante li l-fatt li l-vittma kienet riekba fuq il-mutur *de quo* ma jfissirx li hija kienet taf meta accettat li tirkeb fuq l-istess mutur ic-cirkostanzi kollha u r-riskju li kienet ser tiehu minhabba s-sewqan sperikolat tal-istess Genovese, liema sewqan kien kollu dovut ghal azzjoni tal-istess sewwieq tal-mutur, ghal kollox indipendenti mill-volonta' tal-istess vittma, u ghal liema sewqan l-istess vittma ma kienet bl-ebda mod responsabbli. Hija ma setghet qatt tipprevedi l-perikolu li l-istess konvenut Genovese kien ser ipoggiha fih, u ma hemm l-ebda prova li hija accettat li titpogga fl-istess perikolu, anke ghaliex hija ma setghetx tipprevedi l-mod irresponsabli li l-istess sewwieq kien ser jadopera biex isuq il-mutur *de quo.*

**(B) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI**

Illi f'dan il-kaz ghandna l-werrieta tal-vittma li qed jitolbu li jigu risarciti ghad-danni sofferti mill-istess vittma. Illi din il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta li kkumentat hekk fuq dan l-aspett tal-kawza fis-sentenza fl-ismijiet **'Anthony Turner et vs Francis Agius et'** deciza fis-17 ta' Frar 1998 (Cit. Nru. 180/94/GCD) u cjoe' :-

*"Id-dritt ghar-risarciment ghad-danni hu dritt patrimonjali li jintiret bhall-ohrajn, u ma ghandux ikun modifikat ghax*

*ighaddi b'wirt f'idejn is-successur; id-dritt tas-successur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tieghu".*

Illi dan huwa bbazat fuq il-fatt li kif jidher car mic-citazzjoni attrici l-atturi qed jaghmlu din il-kawza bhala *aventi causa* mill-mejta tant li fl-istess citazzjoni attrici jinghad li *'huma l-eredi ta' Marion Mizzi kif jirrizulta mill-anness dokumenti'* u ghalhekk jidher car li d-danni li qed jigu reklamati huma dawk medesimi naxxenti mid-drittijiet tal-vittma fil-mument tal-incident li llum qed jigu ezercitati mill-istess atturi bhala successuri tal-istess.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ta' danni vantata mill-atturi hija l-istess azzjoni spettanti lill-vittma naxxenti mid-danni li soffriet kawza tal-incident *de quo,* u ghalhekk dak li qed jigi ezaminat illum huma l-istess drittijiet li kien ikollha l-vittma li kieku baqghet hajja u li fil-fatt kellha sakemm hija kienet ghadha hajja; dan iwassal ghall-konsegwenza li tigi wkoll in prattika eleminata l-anomalija li kienet inholqot anke tramite gurisprudenza precedenti ghal din is-sentenza fuq citata fejn min ikkawza id-dannu kien iwiegeb f'ammont inqas meta persuna tinqatel kawza tal-agir irrisponsabbli u negligenti tieghu milli meta kien biss ikorri l-istess vittma, li kienet b'hekk isofri dizabilita' permanenti.

Illi f'kaz ta' mewt invece l-persentagg ta' dizabilita' permanenti huwa bla dubbju ta' mija fil-mija (100%) u ghalhekk it-talba ghar-risarciment ta' danni ghandha tigi diretta lejn dan l-istess persentagg, u dan jikkonferma il-

principju li d-dritt u l-valur tal-hajja huwa wiehed assolut u totali u hekk ghandu jigi rispett u rikonoxxut fil-ligi nostrali, b'dan li din is-sentenza qed tirrikonoxxi mhux biss l-gherf u l-umanita' tad-decizjoni citata, izda wkoll il-principji legali sodi li fuqha hija bbazata u li fuqhom din il-Qorti qeghda timxi.

Illi minn dan isegwi li l-istess atturi mhux qed jezercitaw l-azzjoni *iure proprio* izda bhala eredi tal-mejta, u ghalhekk dak li qed jigi ezaminat ma huwiex l-effett li l-istess mewt tragika halliet fuq il-familjari taghha, dipendenti minnha jew le, izda d-dritt ta' danni sofferti mill-vittma li tramite l-ligi tas-successjoni gie trasmess lill-eredi, b'dan li d-dritt tal-azzjoni tal-vittma w id-dritt illum ezercitat mill-eredi taghha huwa l-istess wiehed identiku.

Illi dan il-kuncett gie espress b'dan il-mod fl-istess sentenza u cjoe':-

*'Jekk il-ligi tippermetti u trid li l-atturi jirtu lill-mejta, ukoll jekk ma jiddependux minnha ghall-ghejxien taghhom, il-qorti ma tistax tghid li l-atturi ma jirtux ukoll id-dritt ghad-danni li kienet tiehu l-vittma li kieku baqghet hajja. Il-fatt li l-vittma setghet, kieku baqghet hajja, tizzewweg u ghalhekk ma jirtuwhiex il-genituri u hutha ma jibdilx il-fatt li, meta mietet qabel il-waqt, ghax kellha x-xorti hazina li tafda hajjitha f'idejn sewwieq bla ghaqal, l-eredi taghha kienu l-atturi tallum".*

Illi dan l-istat ta’ fatt huwa wkoll rikonnoxut fil-ligi taghna stante li l-**artikolu 1045 tal-Kap 12** jiddisponi li:-

*‘(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta’ qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba l-inkapacita’ ghall dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib’.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b’mod partikolari, ix-xorta u grad ta’ inkapacita’ ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara’.*

Illi l-**artikolu 1046 tal-Kap 16** ikompli hekk:-

*‘Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista’, flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta’ inkapacita’ totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-ahhar artikolu qabel dan’.*

Illi mela l-ligi ma taghmilx differenza bejn it-tip ta’ danni bejn il-kaz ta’ dizabilita’ permanenti f’kaz ta’ persuna li twegga’ u tibqa’ hajja u fil-kaz ta’ persuna li tmut, u l-istess principji ta’ *damnum emergens* u *lucrum cessans* japplikaw, kollha soggetti ghac-cirkostanzi tal-kaz in

partikolari ; li hija sinifikattiv fl-**artikolu 1046** hawn citat huwa li l-istess disposizzjoni tirrikonoxxi id-dritt tal-werrieta li jagixxu ghad-danni sofferti mill-mejjet, u la darba l-istess ligi titkellem fuq *werrieta* huwa ovvju li l-azzjoni li din qed tirreferi ghaliha hija proprju dik spettanti lill-persuna li tkun soffriet l-istess hsara u dan anke peress li fil-kaz ta' mewt il-ligi qed titkellem fuq *inkapacita' totali ghal dejjem* b'riferenza diretta ghat-telf ta' hajja tal-istess individwu, u dan kollu jikkonferma li l-eredi qed jagixxu bhala s-successuri fid-drittijiet tal-istess vittma tal-akkadut.

Illi stabbilit il-premess isegwi li l-kwistjoni ta' *dependency* hija superfluwa fil-kuntest tal-principji fuq esposti u ghalhekk din il-Qorti, dejjem bir-rispett, qed tiddipartixxi mill-gurisprudenza stabbilita bhala fil-kaz **'Maria Pace et vs Joseph Abela'** , **'Josephine Desira proprio et nomine vs Joseph Cassar'** (P.A. 13 ta' Jannar 1995), **'Joseph Meli et nomine vs Captain Edward sive Teddy Cachia** (P.A. 21 ta' Novembru 1994), **'George Cumbo et nomine vs Robert D'Anastasi** (P.A. 23 ta' Ottubru 1992) ; **'Pauline Lia proprio et nomine vs Paul Debattista** (P.A. 6 ta' Novembru 1995) u **'Josephine Xerri et vs Saviour Spiteri et nomine'** (M.S. Ghawdex 22 ta' Frar 1985), kif *di piu'* ghamlet is-sentenza citata **'Anthony Turner et vs Francis Agius'.**

Illi din il-Qorti wkoll tafferma dak li gie enuncjat fl-ahhar sentenza citata li ma ghandu jsir ebda tnaqqis mis-somma li ghandha tigi likwidata ghal dak li setghet tikkonsma il-

vittima kieku hija baqghet hajja stante li dan it-tnaqqis ma jsirx fil-kaz ta' persuna li baqghet hajja u ghalhekk ma ghandux isir fil-kaz ta' persuna li tmut, u dan huwa konsegwenti tal-fatt guridiku li tali dritt ghar-risarciment tad-danni jintiret mill-eredi bla ebda modifika, u *'d-dritt tas-successur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tieghu. Jekk nghidu mod iehor inkunu qeghdin nergghu nghidu li aktar jaqbillu min isuq hazin isuq ftit aghar sabiex il-konsegwenzi tas-sewqan hazin tieghu jkunu aktar serji, sabiex lill-vittimi joqtolhom flok ikorrihom. Din hija haga li l-ligi zgur ma tridhiex; u ma ghandux ikun li min ghandu jwiegeb ghal danni jghid mn'Alla qatilha lill-vittima ghax li kieku baqghet hajja izda inkapacitata ghal kollox kien ikun aghar ghalih'*.

Illi ghal dak li huwa likwidazzjoni ta' danni fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1998 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju, xehed l-attur Mario Mizzi li qal illi meta mietet, Marion kellha ghoxrin (20) sena u kienet *clerk* mad-Drydocks. Hi kienet ilha impjegata mad-Drydocks xi tlett snin neqsin ftit. Giet esebita wkoll kopja ta' l-ahhar P3 tad-defunta Marion Mizzi.

Illi missier id-defunta qal ukoll illi *"Marion wara li tigi mix-xoghol kienet tkompli tistudja u segwiet kors fl-"accounts". Fil-fatt xi sitt (6) xhur wara li hija mietet kienet irceviet certifikat li kienet ghaddiet mill-ezami ta' l-accounts'*.

Illi mill-provi prodotti u senjatament mill-'P3' tad-defunta jirrizulta illi hija kienet tippercepixxi erbat' elef mitejn u

hmistax-il lira u tmenin centezmu (Lm4,215.80) fis-sena bhala dhul *gross*. Dan jissarraf fl-ammont ta' wiehed u tmenin lira (Lm81) fil-gimgha.

Illi din il-Qorti, kif preseduta, diga kellha okkazzjoni tikkumenta fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet '**Alexandra Saliba Sammut vs Joseph Attard'** deciza fil-25 ta' Jannar, 2001 (Cit. Nru. 2713/97RCP) fejn itqal illi:

*'Hija l-"gross salary" li huwa relevanti sabiex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni kemm huwa dovut lill-attrici jekk din tipprova l-kaz taghha. Fil-fatt il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Pace pro et noe vs Joseph Abela**" sostniet illi:*

"... *l-income tax u l-kontribuzzjonijiet tan-National Insurance li l-mejjet kien ikollu jhallas kieku baqa' haj m'humiex fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta wiehed jigi biex jistabilixxi l-paga medja annwali tieghu ghall-finijiet tal-komputazzjoni tal-qliegh futur*". Dan il-punt ta' l-income tax diga gie deciz fis-sens accennat minn din il-Qorti (P.A. **"Carmela Muscat et vs Francis Schembri et"** – 27 ta' Jannar 1972; **"Av. Dr. Giovanni Bonello noe vs Tarcisio Gatt"** – 31 ta' Lulju 1980).

Illi jinghad ukoll li fix-xhieda moghtija quddiem l-Assitent Gudizzjarju, missier il-vittma jghid illi bintu kellha ghoxrin (20) sena meta mietet (vide ukoll a fol. 6 tal-process ic-certifikat tal-mewt ta' Marion Mizzi). Issa tenut kont tal-**Artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jipprovdi

li l-*"persuna responsabbli ghandha twiegeb* (inter alia) *ghat-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".* Fl-**artikolu 1045 (2)** tali "*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, x-xorta u il-grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara",* jirrizulta car li tali somma tvarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u li fiha il-Qrati dejjem ghandhom certu ammont ta' deskrizzjoni, proprju minhabba l-fatt li huma jkunu qed jezaminaw b'mod akkurat kull kaz fid-dettalji kollha tieghu.

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabbiliti fil-kawza **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** (A.C. 22 ta' Dicembru 1967) li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza "**<u>Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et</u>**" (A.C 16 ta' Novembru 1983) *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Illi hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (App. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema

stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *" din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena",* u tali principju gie konsistentement segwiet u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, w inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinjonistiku".* ("**Karen Zimelli vs Michael Sammut**" - P.A.) ("**Anna Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited gia' Pre Pacj Limited** - P.A. RCP 24 ta' Marzu 2000).

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom "**Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et**" (P.A. 1.3.1992); "**Duncan Vassallo vs Khalid Schwej**" (P.A. 8

ta' Marzu 1996); "**Robert Barbara vs Saviour Galea**" (P.A.11 ta' Ottubru 1996); "**Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); "**Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999); "**George Gatt vs Francis E. Carbone**" (App. 7 ta' Lulju 1998); "**Anthony Turner et vs Francis Agius et**" (G.C.D. 17 ta' Frar 1998); "**Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et**" (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998), fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt fis-sentenza "**Anton Debono vs Law. Qunitano Foodservice Limited**" (P.A. R.C.P. 24 ta' Marzu 2000) gie rilevat li din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering",* giet mehuda wkoll oltre f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom "**Mary Bugeja vs George Agius**" (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987) li sostniet illi:-

*"Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom … … … Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita'. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar*

*soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista' jkun mar-realta`".*

Illi din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi "**Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**" (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u "**Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine**" (G.M.B.) fejn inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma ta' l-att illegali w ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u induzzjoni".*

Illi aktar jidher car li a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija f'latitudini wiesa' imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta ir-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 intqal illi:

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-chances and changes tal-hajja".*

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Mejju 1984 intqal illi:

*"il-perijodu tal-multiplier ghandu dejjem jigi kunsidrat li jibda jiddekorri mid-data ta' l-incident. Id-danni necessarjament jigu likwidati wara l-incident, u xi drabi ftit wara l-incident u xi drabi ohra, stante proceduri legali li fin-natura taghhom jinvolvu t-trapass taz-zmien, xi ftit snin wara l-incident u eccezzjonalment bosta snin wara. Il-fatt li jkun ghadda z-zmien sa kemm jigu likwidati d-danni m'ghandux jaffettwa l-metodu ta' likwidazzjoni li ghandu dejjem jibqa' l-istess billi l-perjodu tal-multiplier dejjem jibda jiddekorri mid-data tal-incident. Altrimenti l-likwidazzjoni bil-multiplier ma jsirx b'mod uniformi..."*

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.**" (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995 intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorti ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif*

*presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm bhala regola din l-evalwazzjoni ghandha tigi applikata, pero' certament mhux *sine qua non* stante li dan jiddependi hafna fuq ic-cirkostanzi tal-kaz *de quo,* u fl-opinjoni tal-Qorti, hemm kazijiet fejn lanqas dan il-persentagg ghall-*lump sum payment* lanqas ghandha titnaqqas, ghaliex lanqas tirrifletti r-realta' tad-danni sofferti, u din id-decizzjoni ghandha tkun imhollija f'idejn il-gudikant li jkun qed jezamina l-istess kaz fid-dettalji kollha tieghu, nkluz il-likwidazzjoni ta' danni sofferti.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar 1980 fl-ismijiet "**Vincenza Vella Dalmas vs John Ghigo et**" qalet illi:

*"B'telf ta' qliegh wiehed ma ghandux jifhem biss telf ta' salarju jew hlas iehor li huwa jircievi izda ghandu jinkludi l-ispejjez kollha li minhabba fl-infortunju l-persuna jkollha taghmel ghaliex hija se jkollha titlef dawn il-flus minhabba f'dan l-infortunju".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li d-defunta kellha ghoxrin (20) sena meta mietet u ghalhekk kieku baqghet hajja kien ikollha "*working life expectancy*" ta' cirka erbghin (40) sena u fic-cirkostanzi ma thossx li ghandha tapplika *multiplier* inqas minn dan l-ammont ta' zmien, anke ghaliex ma ngabu ebda provi ghaliex dan ghandu jkun inqas.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess, l-ammont li ghandu jigi likwidat favur l-atturi ghar-rigward tal-mewt ta' Marion Mizzi huwa s-segwenti:

Lm4,215.80 x 40 x 100% = Lm168,632

Illi minn din is-somma ghandhom jitnaqqsu 20% ta' *'lump sum payment*' li ghandu japplika fil-kaz odjern stante li l-atturi sejrin jiehdu minn qabel id-dhul ta' erbghin (40) sena u ghalhekk ikollhom il-benificcju ta' somma kapitali li jistghu jinvestu bi qliegh. Dan it-tnaqqis kien isir ukoll kieku l-vittma baqghet hajja, u ghalhekk l-ammont li qed jigi likwidat favur taghhom huwa ta' Lm168,632 - Lm33,726.40 li jhalli is-somma ta' Lm134,905.60c.

Illi konsegwentement qed jigi likwidat l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi *in linea* ta' danni huwa ta' mija u erbgha u tlettin elf, disa' mija u hames liri Maltin u sittin centezmu (Lm134,905.60) liema ammont ghandu jithallas lill-atturi mill-istess konvenut Paul Genovese.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Genovese, u filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Darren Micallef limitatament ghall-fatt illi l-incident sehh unikament tort tal-konvenut l-iehor Paul Genovese u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, **tilqa' talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Paul Genovese** b'dan li:

(1) Tiddikjara li l-incident tat-2 ta' Jannar, 1997 f'Tal-Barrani Road, Limiti taz-Zejtun gara tort unikament tal-konvenut Paul Genovese minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut Paul Genovese;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fil-kwalita' taghhom ta' eredi tal-mejta Marion Mizzi fl-ammont ta' mija u erbgha u tlettin elf, disa' mija u hames liri Maltin u sittin centezmu (Lm134,905.60);

(3) Tikkundanna lill-istess konvenut Paul Genovese ihallas lill-atturi l-ammont ta' mija u erbgha u tlettin elf, disa' mija u hames liri Maltin u sittin centezmu (Lm134,905.60) bhala danni sofferti kawza ta' l-istess incident mill-atturi fil-kwalita' taghhom premessa ta' eredi tal-mejta Marion Mizzi u kawza tal-istess mewt tal-istess Marion Mizzi.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-konvenut Darren Micallef kontra l-konvenut Paul Genovese.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Marzu 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Marzu 2002**